MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1396/2010

**Tanya Joy De Marco (K.I. 60287M)**
**vs**
**Piero Timpano (K.I. 34531A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l- attrici eccepixxiet illi l-kontendenti kienu jghixu flimkien ghal madwar sena. Fil-fatt kellhom zewg indirizzi separati, imma ghal madwar sitt (6) xhur ghexu fl-istess post flimkien. Tul dan iz-zmien, l-attrici selfet *brevi manu* u /jew ghamlet tajjeb ghal diversi htigijiet finanzjarji tal-konvenut li huwa cittadin Ingliz, izda residenti f’Malta ghal numru ta’ snin. B’kollox dan l-ammont huwa ta’ elf, tlett mija u hamsa u hamsin ewro (€1,355) a bazi tal-istqarrija guramentata hawn mehmuza li hi mmarkata bhala dokument MDT1, apparti mill-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji w extra-gudizzjarji, kif jindika l-istess dokument. Diversi dokumenti ohra qed jigu

mehmuza biex jissostanzjaw dan l-ammont. L-attrici tispjega aktar lill-Qorti fl-istadju opportun ta' din il-kawza jekk ikun il-kaz, u tipprezentha izjed dokumenti, apparti mix-xhieda msemmija. Madwar erbatax-il (14) xahar ilu, il-kontendenti ma baqghux jiffrekwentaw izjed lil xulxin u r-relazzjoni intemmet hemm. Mitlub ihallas diversi drabi dan l-ammont mill-attrici u l-familjari taghha, l-intimat dejjem jghid li hekk ser jaghmel, izda dan sal-lum ghadu m'ghamlux. Fic-cirkostanzi, l-attrici kellha tintavola din il-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi l-attrici ma pprovdiet ebda prova konkreta u dokumentarja dwar il-pretenzjonijiet taghha; illi l-partijiet ghexu flimkien ghal zmien sena mill- 31 ta' Lulju 2008 sad- 9 ta' Gunju 2009 u f'dan il-perjodu kienu jinhargu flus minn entrambi l-partijiet bl-iskop li jithallsu spejjez tal-ghejxien flimkien u ghall-uzu personali rispettiv taghhom, u filwaqt li l-konvenut ma jippretendix li jaf x'ghamlet l-attrici bil-kontijiet bankarji taghha, il-flus migbuda huma ghal skopijiet taghha jew ta' spejjez ta' ghejxien li ghalihom ikkontribwixxa wkoll il-konvenut; illi s-sommom in kwistjoni qatt ma nghataw lill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Tanya Joy Demarco, Mark Demarco, Sarah Demarco u Piero Timpano.

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas lura ta' somma flus allegatment mislufa *brevi manu* lill-konvenut. Il-konvenut ikkontesta t-talbiet stante li kwalunkwe' flus li gew skambjati bejniethom kienu rizultat ta' relazzjoni li kellhom bejniethom waqt li huma kienu jghixu flimkien.

Illi mill-provi attrici hija allegat illi tul ir-relazzjoni tal-partijiet hija kienet selfitu elf tliet mija u hamsa u hamzin ewro (€1355) maqsumin f'erba' porzjonijiet u cioe' sitt mitt ewro

(€600) u hames mija u tletin ewro (€530) mislufa sabiex il-konvenut ihallas il-kera tal-fond fejn kienu jabitaw. Dawn l-ammonti gew allegatament mislufa lill-konvenut meta huwa ma kienx qieghed jahdem. L-attrici qalet ukoll illi selfitu s-somma ta’ hmistax-il ewro (€15) u mitejn u ghaxar ewro (€210) ghall-bzonnijiet partikolari tal-konvenut. Illi kull darba hija selfet il-flus lill-konvenut in kontanti. L-attrici xehdet illi l-partijiet kienu damu flimkien kwazi sena u xi ftit wara li bdew ir-relazzjoni bejniethom giet mistiedna tmur tghix mal-konvenut. Illi tul iz-zmien illi l-partijiet damu flimkien l-attrici ma kienetx qieghda tahdem hlief ghall-ewwel xahrejn u wara li ma baqghetx tahdem hija ma setghetx tikkontribwixxi ghall-ghejxien ta’ bejniethom. Illi kien hemm perjodu meta l-konvenut ma kienx qieghed jahdem u hija kienet ghenitu b’xi flus li kellha mfaddla. Stqarret ukoll illi l-konvenut kien dejjem iwieghda li ha jhallasha lura izda l-flus qatt ma rceviethom.

Xehdu ukoll missier l-attrici u ohtha fejn qalu li l-attrici kienet qaltilhom li l-konvenut kien gieli jissellef flus minn ghandha u li ma hallashiex. Missierha xehed ukoll illi pprova jghinu jottjeni self mill-bank izda s-self ma rnexxiex. Ohtha stqarret ukoll illi f’okazzjoni wahda kien talabha ghoxrin ewro (€20) minn taghha.

Mix-xhieda tal-konvenut irrizulta li l-partijiet kienu f’relazzjoni u kienu bdew jghixu flimkien gewwa appartament li huwa kien kera’ appositament sabiex hija tkun tista’ tghix komda mieghu. Illi ghalkemm hija ma kienetx parti mill-ftehim ta’ kera huwa ma ppretendiex illi thallas il-kera bin-nofs izda ppretenda ghajnuna u kontribuzzjoni finanzjarja waqt li huma kienu f’relazzjoni ma’ xulxin u kienu wkoll jikkonvivu u ghaldaqstant jaqsmu l-hajja qishom mizzewwgin. Qal illi ghalkemm hija kienet waqfet milli tahdem xi xahrejn wara li bdew ir-relazzjoni ta’ bejniethom hija kienet taqla’ xi flus, b’xoghol *part-time* izda huwa ma kellux rendikont tal-introjtu taghha ‘*part-time’*. Il-konvenut xehed ukoll illi m’eskludiex illi l-attrici gieli selfitu xi ammonti ta’ flus izda huwa dejjem kellu l-mezzi sabiex ihallas lura u fil-fatt huwa hekk ghamel u hallasha lura in kontanti.

It-Tribunal ra x-xhieda dokumentali kollha ezebita in atti u ra li l-provi dokumentali tal-allegat self li l-attrici pproduciet kienu *statements* bankarji li jindikaw li saru diversi preljevijiet bejn Ottubru, 2008 u Jannar, 2009. Illi hlief ghal dawn l-*istatements* bankarji, l-attrici ma gabet l-ebda prova ohra li tindika li sar self lill-konvenut.

Hija l-fehma tat-Tribunal, illi *statements per se* m’humiex prova konvincenti ta’ self. Illi fl-affidavitipprezentat mat-talba, l-attrici ddividiet is-somma mitluba f’erbgha. Izda l-*istatements* bankarji jindikaw diversi preljevijiet u mhux fil-kwantitajiet imsemmija izda f’ammonti differenti u f’ammonti izghar.

Illi huwa car u manifest illi bejn il-partijiet hemm xhieda konfliggenti u t-Tribunal sema’ liz-zewg partijiet jixhdu w ra li t-tnejn kienu konvincenti fix-xhieda tagghom. It-Tribunal huwa tal-fehma li filwaqt illi l-konvenut ikkonfonda dati u cifri ma jidhirlux illi l-intenzjoni tieghu kienet gharrieqa izda iktar ghaliex ma jiftakarx numri u dati u li ma tantx jaghti kaz ghad-dettall, filwaqt illi l-attrici kienet dejjem cara fix-xhieda taghha. It-Tribunal sema’ lill-konvenut jispjega li m’eskludiex illi huwa kien uza l-PIN tad-*debit card* ghal darbtejn izda qal illi meta l-attrici sellfitu l-flus ghal kera huwa fil-pront hallasha lura.

Illi mill-provi li sema’ t-Tribunal jirrizultalu li seta’ kien minnu li l-konvenut kien qieghed ibati finanzjarjament izda dan ma jfissirx illi dak mitlub mill-attrici huwa fil-fatt illum dovut minnu. It-Tribunal r aukoll illi l-konvneut kien rega’ gie impjegat u ma damx qieghed. L-attrici allegat diversi drabi li hija sellfitu l-flus. Izda t-Tribunal ra li s-somma mitluba mill-attrici hija mifruxa ghall-erba’ xhur bejn Ottubru, 2008 sa Jannar, 2009 waqt illi l-partijiet kienu ghadom jghixu flimkien. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi meta zewg persuni jaqblu li jghixu flimkien, il-konsegwenza ta’ dan il-qbil igib maghha certi konsegwenzi. Illi f’pajjizna sal-lum ma tezistix ebda ligi ta’ ko-abitazzjoni u ghaldaqstant il-konvivenza m’hijiex regolarizzata. Ghaldaqstant, persuni li jiddeciedu li jikkonvivu ghandhom jiddeciedu sa minn qabel kif ha jitqassmu x-xogholijiet tad-dar u l-finanzjament tal-

ghejxien flimkien. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi zewg persuni li jiddeciedu li jghixu flimkien ghandhom jiddeciedu sa minn qabel kif ha jqassmu d-doveri ta' bejniethom u ghandhom jiddeciedu jew li jafdaw lil xulxin jew ossia jiktbu dak kollu li finanzjarjament jista' jkun ta' piz ghall-wiehed jew l-iehor. Illi fil-kaz in dezamina jirrizulta li waqt illi l-koppja kienet qed tghix flimkien ma' kien hemm l-ebda pretenzjoni bejniethom ta' kontribut finanzjarju u ma rrizulta l-ebda tilwim bejniethom. Ghaldaqstant, jirrizulta li kien hemm ftehim illi jafdaw lil xulxin u jaqsmu kollox. Illi jirrizulta li kien biss wara li nfirdu li l-attrici bdiet tfittex lill-konvenut ghall-allegati self ta' flus u mhux waqt il-konvivenza minkejja li hija kienet stqarret il-kuntrarju. Illi l-konvenut da parti tieghu ma jiftakarx illi l-attrici qatt sellfitu flus li ma hallashiex, izda stqarr illi fir-relazzjoni ta' bejniethom kienu jigu skambjati diversi somom ta' flus u ta' sikwit. Spjega wkoll kif huwa ma kienx inkludiha fil-ftehim tal-kera u lanqas qatt ma offriet li thallas nofs il-kera waqt illi kienu jghixu flimkien. Illi da parti tieghu ma qaghadx ifittex izda accetta bhala stat ta' fatt illi huma kienu jghixu flimkien u jaqsmu kollox bejniethom u qatt ma kien hemm kwistjonijiet ta' flus bejniethom. Illi jirrizulta lit-Tribunal li l-firda ta' bejniethom ma kienetx kwistjoni tal-flus allegatament mislufa lill-konvenut izda raguni ohra.

Illi wara li sema' u evalwa l-provi li ngabu quddiemu, t-Tribunal ra li din hija kawza li m'hijiex ibbazata fuq l-ebda prova konkreta hlief ghal dak li gie allegat mill-attrici. Illi hija l-fehma gusta u ekwa ta' dan it-Tribunal illi l-attrici ftit li xejn ippruvat id-dejn allegat minna. Illi anke li kieku l-konvenut kien qieghed f'qaghda finanzjarja hazina, il-fatt biss illi l-attrici ghenet billi kkontribwiet finanzjarjament fis-somma ta' medja ta' tliet mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar multiplikata ghall-erba' xhur ma jirrizultalux lit-Tribunal illi din hija somma fenomenali meta zewg persuni jkunu qieghdin jghixu flimkien. Illi kontribut ghall-ghejxien m'huwiex self izda parti mill-hajja ta' kuljum. Illi jekk dehrilha li hija kienet qieghda ssellfu l-flus u mhux tikkontribwixxi l-parti taghha fil-konvivenza, hija kellha tipprotegi l-interessi taghha billi jew taghmel skrittura privata jew titlob ricevuta ghal kull darba li sellfitu l-flus fejn ikun qieghed jaccetta li huwa qieghed jigi misluf il-flus

, izda mhux billi tfittex l-interessi taghha xhur wara li relazzjoni tkun qraset u spiccat.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi t-talba tal-attrici m'hijiex bazata fuq ebda prova konkreta w dokumentarja fuq il-pretensjonijiet taghha. Ili t-talbiet attrici huma bbazati fuq perjodu meta l-partijiet qablu li kienu qed jghixu flimkien u ghaldaqstant koabitazzjoni ggarrab maghha certi konsegwenzi finanzjarji in mankanza ta' skrittura privata bejniethom.

Illi minhabba nuqqas ta' provi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez sopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------